

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuna u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849, kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/551, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509, kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (EU) 2018/548 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

(2018/C 122/02)

L-informazzjoni li ġeja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuna u l-entitajiet li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 (¹), kif implementata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/551 (²), u fl-Anness XIII għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 (³), kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/548 (⁴) dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea.

Fit-30 ta' Marzu 2018, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid persuna waħda u 21 entità fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri imposti mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1718 (2006).

Dawk ikkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti stabilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006), flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni jistgħid luu inklużi fil-lista tan-NU jiġu kkunsidrati mill-ġdid. Dik it-talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting  
Security Council Subsidiary Organs Branch  
Room S-3055 E  
New York, NY 10017  
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni ara: <https://www.un.org/sc/suborg/en/sanctions/1718>

B'segwitu għad-deċiżjoni tan-NU, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuna u l-entitajiet li ġew iddeżżejjati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi mniżżla fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 u l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea. Ir-raġunijiet għall-indikazzjoni ta' dawk il-persuni u l-entitajiet huma mniżżla fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuna u tal-entitajiet ikkonċernati dwar il-possibbiltà li jitfgħu applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżiati jintużaw għal ħtiġijet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 35 tar-Regolament).

Il-persuna u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ġustifikattiva, sabiex id-deċiżjoni li jkunu inklużi fil-listi msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union  
General Secretariat  
DG C 1C - Horizontal Issues  
Rue de la Loi/Wetstraat 175  
1048 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: [sanctions@consilium.europa.eu](mailto:sanctions@consilium.europa.eu)

Qed tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-persuna u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fkonformità mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79.

(²) ĠU L 91, 9.4.2018, p. 16.

(³) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

(⁴) ĠU L 91, 9.4.2018, p. 2.